REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/714

tat-28 ta' Mejju 2020

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/466 fir-rigward tal-użu ta' dokumentazzjoni elettronika għat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra u tal-perjodu ta' applikazzjoni tal-miżuri temporanji

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 141(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2017/625 jistabbilixxi regoli fost l-oħrajn għat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali u ta' attivitajiet uffiċjali oħra mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri. Jagħti wkoll is-setgħa lill-Kummissjoni tadotta, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, il-miżuri temporanji x-xierqa meħtieġa biex jiġu limitati r-riskji għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali u tal-pjanti u għat-trattament xieraq tal-annimali, jekk ikollha evidenza ta' tfixkil serju fis-sistema ta' kontroll ta' Stat Membru.

(2) Sabiex jiġu indirizzati ċ-ċirkostanzi speċifiċi marbutin mal-kriżi li għaddejja relatata mal-marda tal-coronavirus (COVID-19), ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/466 ([2]) jippermetti lill-Istati Membri japplikaw miżuri temporanji fir-rigward tal-kontrolli uffiċjali u ta' attivitajiet uffiċjali oħra. Dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni jippermetti li jsiru kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra marbutin maċ-ċertifikati uffiċjali u mal-attestazzjonijiet uffiċjali li jridu jitwettqu fuq kopja elettronika ta' dawn iċ-ċertifikati jew l-attestazzjonijiet, soġġett għal ċerti kundizzjonijiet.

(3) Sabiex jiġi żgurat kummerċ bla xkiel, jenħtieġ li jiġi ċċarat li l-kontrolli uffiċjali u l-attivitajiet uffiċjali oħra jkunu jistgħu jitwettqu fuq kopja taċ-ċertifikati jew tal-attestazzjonijiet oriġinali li tkun ġiet ipprovduta b'ċerti mezzi elettroniċi. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġi ċċarat li l-obbligu li jiġu pprovduti dawk id-dokumenti oriġinali hekk kif ikun teknikament fattibbli ma japplikax fejn isiru kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra fuq il-bażi ta' *data* elettronika prodotta u ppreżentata fis-sistema TRACES (Trade Control and Expert System - Sistema tal-Kontroll tal-Kummerċ u tal-Esperti veterinarji).

(4) Xi Stati Membri infurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra li t-tfixkil serju fil-funzjonament tas-sistemi ta' kontroll tagħhom fid-dawl tal-kriżi marbuta mal-COVID-19 u d-diffikultajiet biex jitwettqu l-kontrolli uffiċjali u l-attivitajiet uffiċjali oħra se jippersistu wara l-1 ta' Ġunju 2020. Sabiex jiġi indirizzat dan it-tfixkil serju u jiġu ffaċilitati l-ippjanar u t-twettiq tal-kontrolli uffiċjali u tal-attivitajiet uffiċjali oħra matul il-kriżi marbuta mal-COVID-19, il-perjodu ta' applikazzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/466 jenħtieġ li jiġi estiż sal-1 ta' Awwissu 2020.

(5) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/466 jiġi emendat skont dan.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

([1]) ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/466 tat-30 ta' Marzu 2020 dwar miżuri temporanji biex jiġu limitati r-riskji għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali u tal-pjanti u għat-trattament xieraq tal-annimali matul ċertu tfixkil serju tas-sistemi ta' kontroll tal-Istati Membri minħabba l-marda tal-coronavirus (COVID-19) (ĠU L 98, 31.3.2020, p. 30).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/466 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 4

1. B'mod eċċezzjonali, il-kontrolli uffiċjali u l-attivitajiet uffiċjali oħra marbutin maċ-ċertifikati uffiċjali u mal-attestazzjonijiet uffiċjali jistgħu jitwettqu:

(a) fuq kopja tal-oriġinal ta' dawn iċ-ċertifikati jew attestazzjonijiet, li tkun disponibbli elettronikament, diment li l-persuna responsabbli mill-preżentazzjoni taċ-ċertifikat uffiċjali jew tal-attestazzjoni uffiċjali tippreżenta dikjarazzjoni lill-awtorità kompetenti li fiha tafferma li ċ-ċertifikat uffiċjali jew l-attestazzjoni uffiċjali oriġinali se jiġu ppreżentati hekk kif ikun teknikament fattibbli, jew

(b) fuq *data* elettronika minn ċertifikati jew attestazzjonijiet bħal dawn, meta din id-*data* tkun ġiet prodotta u ppreżentata mill-awtorità kompetenti fis-sistema TRACES.

2. Hija u twettaq il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-awtorità kompetenti għandha tqis ir-riskju ta' nonkonformità tal-annimali u tal-oġġetti kkonċernati u r-rekord ta' qabel tal-operaturi fir-rigward tar-riżultati tal-kontrolli uffiċjali mwettqa fuqhom u fir-rigward tal-konformità tagħhom mar-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) 2017/625."

(2) fl-Artikolu 6, it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Għandu japplika sal-1 ta' Awwissu 2020".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mit-2 ta' Ġunju 2020.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Mejju 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN